MCCAA
MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

**Mizzi House, National Road ,**

**Blata-l-Bajda, Hamrun HMR9010**
**Tel: +356 2395 2000  Fax: +356 21 242 406**

**VAT Reg No: MT 2039 0516**

**10 ta' Jannar 2018**

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL- KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITA` TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qed tidentifika u tgħarraf lill-pubbliku li:

**Is-Sur Dario Azzopardi (3Group)**

ma onorax id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi.

Wara li semgħet riklam fuq ir-radju jirriklama installazzjoni tal-programm Microsoft 10 bla ħlas, il-konsumatriċi effettivament spiċċat ħallset lill-bejjiegħ €60 għall installazzjoni ta' dan il-programm. Dan il-ħlas kien jinkludi żjar fid-dar tal-konsumatriċi mit-tekniku. Il-konsumatriċi ma kinitx mgħarrfa b'dan il-ħlas żejjed. Barra minn hekk, il-konsumatriċi qatt ma rnexxielha tuża l-programm installat għaliex kull meta tipprova tidħol fih is-sistema titlobha *product key* li l-bejjiegħ ma kienx ipprovdiha meta saret l-installazzjoni.

Il-bejjiegħ qatt ma ssottometta risposta u lanqas attenda għas-seduti tat-Tribunal , minkejja li l-istess Tribunal ddikjara li kien debitament notifikat.

It-Tribunal ordna lill-bejjiegħ iħallas lura s-somma ta' €60 lill-konsumatrici.

Josephine Borg

Direttur Ġenerali ( Affarjiet tal-Konsumatur)